PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

19.10.2007 PE396.507v01-00

EMENDI 31-36

Abbozz ta' rapport **(PEPE392.373v01-00)**
Ioannis Varvitsiotis
Proposta għal deċiżjoni ta' qafas tal-Kunsill dwar l-ordni ta' sorveljanza Ewropea fil-proċeduri ta' qabel proċess legali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

Proposta għal deċiżjoni (COM(2006)0468 – C6-0328/2006 – 2006/0158(CNS))

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 31
Paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa li tkun adattata l-proċedura ta' l-arrest u ċediment tal-mandat ta' arrest Ewropew biex tkopri l-każijiet kollha fejn persuna ssuspettata trid tkun ittrasferita lura fl-Istat fejn se jsir il-proċess wara ksur ta' l-ordni ta' sorveljanza Ewropea;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għażla politika biex ikun aġġustat il-Mandat ta' Arrest Ewropew tista' tinvolvi diversi modifiki, mhux biss bidliet rigward l-iskop tal-Mandat (jiġifieri Artikolu 2 (1) dwar il-limitu ta' sena). Pereżempju, il-kriterji għaċ-ċaħda jistgħu jkunu mibdula u l-formuli jistgħu jkunu aġġustati jew miżjuda biex jindikaw li l-arrest isegwi ksur ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 32
Premessa 6 a (ġdida)

	(6a) Fil-każ ta' ksur ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea, l-awtorità tal-ħruġ tista' tiddeċiedi li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bl-iskop tat-trasferiment tal-persuna ssuspettata lejn l-Istat tal-ħruġ. F'ċirkustanzi bħal dawn, li għandhom ikunu limitati strettament għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 tkopri l-offiżi kollha li għalihom tista' tinħareġ ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun iċċarat u enfasizzat li l-mandat ta' arrest Ewropew ikopri l-offiżi kollha biss f'każi fejn qed tkun implimentata ordni ta' sorveljanza Ewropea (ksur ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew m'għandux ikun estiż b'mod ġenerali.

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 33
Artikolu 4 a (ġdid)

	Artikolu 4a
	Spejjeż
	1. L-ispejjeż li jkunu saru fl-eżekuzzjoni ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea fit-territorju ta' l-Istat Membru li jesegwixxi għandhom jitħallsu minn dak l-Istat Membru.

2. L-ispejjeż l-oħra kollha għandhom jitħallsu mill-Istat Membru tal-ħruġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija kjarifika lingwistika.

Emenda mressqa minn Panayiotis Demetriou

Emenda 34
Artikolu 6, paragrafu 2, punt (h a) (ġdid)

(ha). għandha tkun suġġetta għall-monitoraġġ elettroniku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jibqgħu fid-domiċilju tagħhom, fl-ambjent tas-soltu qrib il-familji tagħhom, il-persuni ssuspettati jistgħu jkunu sorveljati mill-"monitoraġġ elettroniku" fl-Istati Membri fejn din is-sistema ġiet introdotta diġà. Il-monitoraġġ elettroniku huwa mod effettiv ta' sorveljanza u jagħti l-opportunità lill-persuni ssuspettati biex ikomplu bil-ħajja tal-familja u l-attivitajiet professjonali tagħhom.

Emenda mressqa minn Panayiotis Demetriou

Emenda 35
Artkolu 17, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Mandat ta' arrest Ewropew jista' jintuża fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-ordni ta' sorveljanza għall-iskop tat-trasferiment tal-persuna ssuspettata lejn l-Istat tal-ħruġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun utli li tintuża l-proċedura li hemm dispożizzjoni għaliha fid-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew sabiex it-trasferiment tal-persuna ssuspettata lejn l-Istat tal-ħruġ ikun iffaċilitat fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Sorveljanza.

Emenda mressqa minn Ioannis Varvitsiotis

Emenda 36
Artikolu 18

Kundizzjonijiet għall-arrest u ***t-***trasferiment tal-persuna ssuspettata	***Arrest*** u trasferiment tal-persuna ssuspettata
1. Jekk l-awtorità tal-ħruġ tiddeċiedi li l-persuna ssuspettata trid tiġi arrestata u ttrasferita lejn l-Istat tal-ħruġ, ***il-persuna ssuspettata għandha tinstema' minn awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet arrestata.***	1. Jekk l-awtorità tal-ħruġ tiddeċiedi li l-persuna ssuspettata trid tiġi arrestata u ttrasferita lejn l-Istat tal-ħruġ, ***din għandha toħroġ mandat ta' arrest Ewropew skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002.***
2. ***Jekk il-persuna ssuspettata tagħti l-kunsens tagħha għat-trasferiment, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet arrestata għandu minnufih jittrasferiha lejn l-Istat tal-ħruġ.***	2. ***Minkejja l-Artikolu 2 (1) tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 002/584/JHA, mandat ta' arrest Ewropew, f'każ bħal dan, jista' jinħareġ u l-persuna ssuspettata tista' tkun ittrasferita lejn l-Istat tal-ħruġ b'konnessjoni ma' l-offiżi kollha li għalihom tista' tinħareġ ordni ta' sorveljanza Ewropea.***
3. Jekk il-persuna ssuspettata ma tagħtix il-kunsens għat-trasferiment tagħha, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet arrestata għandu minnufih jittrasferiha lejn l-Istat tal-ħruġ. Dan jista' jirriffjuta l-arrest u t-trasferiment biss	
– jekk ikun ċar li l-proċedimenti kriminali għall-offiża li għaliha tkun ħarġet dik l-ordni sadanittant ikunu jiksru l-prinċipju ne bis in idem;	
– jekk il-persuna ssuspettata tkun qed tiġi mixlija fl-Istat Membru li jesegwixxi għall-istess fatti li fuqhom hi bbażata l-ordni ta' sorveljanza Ewropea;	
- jekk il-prosekuzzjoni kriminali jew il-piena tal-persuna ssuspettata hija preskritta skond il-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxi u l-atti jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru skond il-liġi kriminali tiegħu stess;	
– jekk id-deċiżjoni ta' l-arrest u t-trasferiment tikkonċerna fatti ġodda mhux	

koperti mill-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

4. Stat Membru ieħor li mhux l-Istat li jesegwixxi jista' wkoll jirrifjuta li jarresta u jittrasferixxi lill-persuna ssuspettata fuq il-bażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 10.

Or. en